MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 14/2006/1

**M R**

**v.**

**J R**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Fil-31 ta' Awwissu 2009, l-intimata J R pprezentat "Rikors tal-Appell guramentat ai termini tal-Artikolu 56(4) tal-Kodici Civili" (sic) u dan b'riferenza ghal sentenza

moghtija fl-10 ta' Awwissu 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja.

1.2. Wara li l-imsemmija J R telenka l-aggravji taghha fil-mertu rigwardanti l-ghoti tal-kura u kustodja ta' uliedha N u M f'idejn zewgha M R mill-ewwel Qorti u tispjega kif taht il-harsien gwida u kontroll taghha, il-hajja u zvilupp tal-minuri jkun "ahjar" minn kif ipprovdut mill-Qorti tal-ewwel grad, hija taghlaq l-istess rikors hekk:
"Ghaldaqstant l-esponenti ghandha tigi kkonfermata wkoll fil-kura u kustodja ta' wliedha."

Flimkien mar-rikors, l-intimata annettiet certifikat mediku dwar il-kundizzjoni psikika taghha (Dok A) rilaxxjat mill-konsulent Dr. J. Vella Baldacchino[1].

**IR-RISPOSTA TAL-APPELLAT M R**

2.1. L-appellat M R wiegeb li s-sentenza li minnha gie interpost "appell" min-naha ta' J R timmerita li tigi kkonfermata *in toto* bic-cahda tal-appell u bl-ispejjez kontra l-intimata appellanti.

2.2. Apparti sottomissjonijiet fil-mertu, l-appellat iressaq pregudizzjali ta' indole legali dwar irritwalita` procedurali. B'riferenza ghar-rikors promotur, l-appellat jghid li m'huwiex car ghalih x'tip ta' appell hu. L-Artikolu 56(4) tal-Kodici Civili "ma jaghmel l-ebda provvediment ghal xi appell izda jitkellem semplicement dwar poter tal-Qorti illi tirrevoka jew tbiddel ordnijiet dwar il-minuri meta l-interessi tal-minuri hekk jitolbu." Kif propost, ir-rikors hu bla bazi u ma jaghtix lok li tittiehed decizjoni dwaru. Jekk jissussistu cirkostanzi jew ragunijiet ghal xi tibdil minn kif gie pprovdut mill-ewwel Qorti, jezistu "proceduri ohra quddiem l-ewwel Qorti".

2.3. Fit-tieni lok, bla pregudizzju ghas-suespost, li kieku r-rikors promotorju jikkwalifika bhala procedura ta' appell, allura l-appellat "jeccepixxi n-nullita` ta' dan l-appell stante li m'huwiex redatt bil-mod kif trid il-ligi".

[1] Certifikat mediku iehor gie prezentat, wara li l-kawza kienet baqghet ghas-sentenza, fit-22 ta' April 2010.

L-appellat jirreferi ghall-Artikolu 226(2) tal-Kap. 12 b'riferenza ghal meta hemm sentenza *in parte* u ohra finali. Finalment lanqas ma hemm talba ghar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata fl-istess rikors, isostni l-appellat.

Ghalhekk ir-rikors ta' appell ghandu jigi ddikjarat bhala wiehed null u kwindi michud.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

3. Dan hu appell intavolat mill-intimata J R minn sentenza *in parte* li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, limitatament ghat-talba dwar il-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri tal-konjugi R li bl-imsemmija sentenza tal-31 ta' Awwissu 2009 gew fdati f'idejn l-appellat M R bil-modalitajiet li jissemmew fl-istess sentenza.

4. In vista tal-pregudizzjali ta' indole legali u procedurali sollevati mill-appellat, fl-ewwel lok, u qabel ma jigi investit il-mertu, ghandu jigi deciz jekk ir-rikors in ezami huwiex wiehed irritu u null, kif eccepit mill-appellat. Dan ghaliex jekk din l-eccezzjoni tirrizulta li hija fondata, allura jsegwi li din il-Qorti jkollha tieqaf hemm u ma tkomplix bis-smigh tal-appell kif dedott mill-appellanta ghaliex ma jkunx wiehed proceduralment validu imma wiehed null.

5. L-ewwel nett ghandu jigi rilevat li dikjaratament l-appellanti, li jidher li fformulat hija stess ir-rikors tal-appell u ghaddietu biex tiffirmah u tipprezentah wara l-otteniment ta' "firma di favore" minghand avukat, tghid li r-rikors taghha sar ai termini tal-Artikolu 56(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi hekk:

"Il-Qorti tista', f'kull zmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu".

Mid-dicitura cara ta' dan l-artiklu, ghandu jirrizulta sufficjentement evidenti li l-ligi m'hijiex qeghda tirreferi hawn ghal xi procedura ta' revizjoni tramite appell kif donnha kellha zbaljatament f'mohha l-appellanta J R. L-imsemmija konvenuta setghet u kellha kull dritt li tinterponi appell quddiem din il-Qorti imma certament mhux a tenur jew in forza tal-Artikolu 56(4) tal-Kap. 16 kif gie espressament invokat minnha. Taht dan l-aspett ghalhekk l-"appell" taghha sar b' mod irritwali.

6. Pero` anke li kieku din il-Qorti, trattandosi hawn ta' kura u kustodja ta' minuri, kellha tiskarta l-premessa tal-intimata u taccetta r-rikors taghha bhala procedura ta' appell vera u proprja, xorta wahda tirriskontra fih difetti procedurali gravi u serji bizzejjed li jirrenduh irritu u null.

L-ewwel ma jiddifetta r-rikors in ezami gej mill-fatt li trattandosi mela ta' appell li jirreferi biss ghal parti mis-sentenza, allura kien messhom issemmew fih dawk il-kapi tas-sentenza li minnhom sar l-appell kif jesigi l-Artikolu 226(2) tal-Kap. 12. Is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ma kenitx limitata biss ghall-kura u l-kustodja tal-minuri imma kienet tirrigwarda wkoll il-hlas tal-manteniment. Huwa minnu li l-ahhar linja tar-rikors tirreferi ghall-kustodja tal-minuri izda fil-korp tar-rikors hemm riferenzi kontinwi ghall-manteniment li l-appellanta tghid li qeghda tissomministra lil uliedha.

7. Id-difett ewlieni u l-aktar gravi pero` gej mill-assenza totali ta' wahda miz-zewg talbiet li jissemmew fl-Artikolu 142 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12, jigifieri li f'kaz ta' procedura ta' appell,
"Ir-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha".

Issa, minn dan kollu, fir-rikors li gie pprezentat mill-intimata ma hemm assolutament xejn in kwantu jinghad biss hekk:

"Ghaldaqstant l-esponenti ghandha tigi kkonfermata wkoll fil-kura u l-kustodja ta' wliedha."

Mela darba li r-rikors *de quo* la jikkontjeni talba ghal fini tat-thassir jew tibdil tas-sentenza, isegwi li s-sentenza moghtija tibqa' veljanti fil-konfront tal-partijiet u allura dan ikun ukoll ifisser li l-intimata ma tista' qatt "tigi kkonfermata" fil-kura u kustodja tal-minuri, apparti li din fil-prezent tinsab gia` fdata f'idejn l-appellat M R.  Certament kien ikun aktar ghaqli u rakkomandabbli fic-cirkostanzi li, minflok rikors ta' appell, sar rikors ghal fini ta' varjazzjoni minn kif ordnat mill-Qorti tal-ewwel grad, imma l-ghazla tal-procedura idoneja hija f'idejn il-parti li qeghda tmexxi l-kawza taghha u mhux f'idejn il-Qorti li dmirha hu dak li tiddeciedi.

Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li r-rikors tal-intimata a bazi u ghall-iskop minnha indikati fih, huwa irritu u null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

8. Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tiddikjara l-imsemmi rikors promotorju bhala wiehed irritu u null, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, bl-ispejjez relattivi kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------